# LIL BINTI

Fi ħsiebi, binti, rajtek
Qabel ma l-ħajja tajtek,
U tlabt
Lil Dak li minnu ħrabt,

Minfuħ, kif kont, b'żgħużiti,
Fil-bluha ta' kburiti;
Sogħbien
F'riġlejh tlabt maħfra jien.

Tlabt, niedem, ħniena, ħniena
Minn din il-qalb għajjiena
Fl-imrar
Li jikwi iżjed minn nar.

Ħassejt ruħi titriegħed,
Bħal dell ta' hemm jitbiegħed,
U sibt
Li dak li xtaqt, kont ksibt:

Għax jien xtaqt ferħ bla mtabba',
Is-safa ta' l-imħabba,
Wil-ġmiel
Li mhux għalkemm jidbiel.

Le, mhux il-ġmiel tal-ħajja,
Minn ġewwa mimli tbajja',
Li fih
Id-dud tad-dnub jherrih,

Ridt, imma, li l-frott tari
Tas-sliem jiżgħed ġo dari:
Ħabbejt,
U bl-oħla ħajr tħennejt:

Meta f'lejl dalmi w sieket,
Waqt li kulħadd kien rieqed,
Fil-kwiet
Twerżiqa ħajja dwiet,

Bdiet ġrajja oħra għalija,
Ta' ħolm, ta' poezija,
Tħabrik,
U mħabba mħeġġa għalik.

Xħin rajtek l-ewwel darba,
Fil-waqt li l-aħħar karba
Ta' serħ
Mietet fis-skiet u l-ferħ,

X'ħassejt ma nafx. Minn qalbi
Dlonk nixxa, safi, talbi:
Kien ħin
T'hena w biża' mħalltin.

Issa dit-triq tal-ħajja,
Mimlija nżul u tlajja',
Fejn ġejt
U bħal kewkba iddejt

F'das-sema mwiegħer tagħna,
Ofroq, ja binti, magħna;
Mażżmien
Nimxu 'l quddiem flimkien.

Il-lum ma tafx minn fuqna
Xinhu għaddej u jsuqna
Mal-wied
Tad-demm, tal-mewt, tal-ġlied.

Ma tafx xinhi mibegħda
Bejn min il-kelma mwiegħda
Dlonk rifes
U bi star iswed kifes

Id-dawl tas-sliem; u l-Għira
Fil-qlub waqqfet id-dwejra
Bla ġieh,
Dwejra mqallba mill-qiegħ.

Aħjar ma tafx bil-faqar
Ta' min f'dil-gwerra nħaqar
Sakemm
Id-dmugħ beka tad-demm.

Eluf qegħdin jissieltu,
Mal-mewt, bla nifs, jiġġieldu
Fin-nar,
Biex jibnu dinja aħjar.

La tikber, int ser tirbaħ
Għax tgħix f'ħajja wisq isbaħ
Minn din
Tal-kotra tal-bnedmin.

Imma la qatt tistenna
Binti, li ser tithenna
Kull jum —
Kull mibdi hu mitmum.

Għax jekk ix-xemx ferrieħa
Il-lum tidħak sabiħa,
Għada
Issibha mwiegħra l-qagħda.

Il-ġmiel jgħaddi bħal fewġa,
Id-daħk jintemm mal-mewġa
Tal-jiem,
U f'daqqa jgħib is-sliem.

Imħarbta, mġebbla, mfarrka,
Taħt baħar t'hemm imgħarrqa,
It-triq
Mimlija xewk w għollieq.

Iżda jekk int f'mixjitek
Tagħraf trażżan kburitek,
U s-sewwa
Twettaq sa mal-egħdewwa,

Jekk ma tfittixx il-frugħa
Li mhix ħlief ġenn u bluha,
W l-imħabba
Bla tebgħa fik titrabba,

Jekk fin-niket u l-ħsara
Tama ta' faraġ tara,
W lin-nies
Troddilhom ġid bla qies,

Żgur tgħix fil-kwiet ta' ħsiebek,
Tagħmel lil kulhadd ħbiebek:
Fuq dan
Waqqaf ta' ħajtek l-għan.

Meta l-qrusa tad-diqa
Wis-semm ta' ħluq qarrieqa
Idduq,
Itfa' ħarstek il fuq.

Għal Alla w Art twelidek
Agħti demmek u ġidek,
B'f'idejk
Ix-xabla, u n-nar f'għajnejk

Għal Lsienek ħabrek, tħabat,
Għal kobor Dinek tqabad,
Żomm sħiħ
Fejn hemm xaqq dawl ta' ġieħ.

Kun dejjem imhejjija
Biex twettaq bi qlubija
Id-dmir,
Għoli, qaddis u kbir,

U fuqu dehnek sejjes,
Dad-dmir li qatt bil-flejjes
Ma jinxtara,
Dad-dmir li jagħmlek 'mara'.

30 - X - 43,

Ġużè Chetcuti